# TAGĦRIF DWAR IL-BUSKETT

Michael Grima



Kuċċarda

Alfred E. Baldacchino



Fjurduliż taż-Żerriegħa Ħamra

Edwin Lanfranco



Farfett taż-Żiju

Alfred E. Baldacchino



Gremxula

Alfred E Baldacchino





Verdalle (1581- 1595)



Luq

*Alfred E. Baldacchino*

● Il-Granmastru La Vallette (1557-1568) bena loġġa f'nofs il-Buskett biex jistkenn waqt il-kaċċa. Dak iż-żmien dan kien jintuża bħala post tal-mistrieħ. Din il-loġġa għadha tintuża bħala dar privata.

● Fl-1586 il-Granmastru Verdalle (1581-1595) qabbad lill-Perit Ġlormu Cassar biex jagħmel pjanta tal-Kastell. Il-bini beda mill-ewwel.

● Kien il-Granmastru Lascaris (1636-1657) li mela l-wied tal-Buskett bis-siġar. Bena vaski u tefa' hut ta' l-ilma ħelu. Importa agħsafar ta' l-ilma u sigar tal-frott mill-Ewropa. Hawwel siġar tal-ballut u kien irabbi ċriev u agħsafar biex jikkaċċa mal-mistiednin tiegħu. Dik il-grotta li hemm ħdejn it-tinda, nbniet f'dak iż-żmien.

● Fl-1799 il-Palazz ta' Verdalle ntuża bħala ħabs għall-priġunieri tal-gwerra Franċiżi.

● Sa l-1803 il-Palazz Verdala kien mitluq u beda jitfarrak. Bejn l-1851 u l-1858 il-Gvernatur Sir William Reid beda jirranġah u bidlu f'post ta' villeġġatura għalih.

● Bejn l-1858 u l-1864 il-Gvernatur Sir Gaspard le Merchant kompla x-xogħol tar-restawr.

● Fl-1878 Il-Gvernatur Sir Arthur Burton bena l-ħajt madwar il-Buskett biex ikun aktar privat.

● Fl-1888 hu miktub li s-siġar tal-Ballut u taċ-Ċedru li kien ħawwel Lascaris spiċċaw jew bi traskuraġni jew għall-ħatab jew inkella biex jitkabbru s-siġar taċ-ċitru.

● Fl-1930 il-Gvern introduċa l-irdieden tar-riħ għall-ilma u b'hekk ħafna nix-xigħat nixfu.

● Fl-1932 il-Buskett ġie ddikjarat santwarju ta' l-agħsafar u kaċċa u nsib ma baqgħux permessi hemm ġew.

● Fl-1980 il-ġarr ta' snieter, trabokki, skrataċ u xbieki għall-qbid u l-qerda ta' l-agħsafar ukoll ġew dikjarati llegali.

A Portelli